ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 35/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 27 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:15hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

HAL KIRKOP

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 33

35.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 33 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 35.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 34

35.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 34 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 7/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tagħti informazzjoni dwar l-aħħar emendi legali fil-leġislazzjoni tal-Gvern Lokali.

35.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 8/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tagħti informazzjoni dwar *offsetting* tal-ispejjeż relatati mal-kontijiet tal-WasteServ.

35.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 9/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tagħti informazzjoni dwar pagamenti mill-Kunsilli Lokali lil ħaddiema tal-iskejjel.

35.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 10/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Estensjoni tal-Mandat tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali.

35.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/7/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

35.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-ċirkulari u raw li ma kellhomx għalfejn japplikaw peress li ma kienux saru proġetti infrastrutturali maġġuri mill-Gvern Ċentrali f'Ħal Kirkop.

35.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/8/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali dwar Aċċessibilità u Mobilità.

35.4.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-ċirkulari u qablu li l-ewwel jaraw xi żviluppi hemm rigward il-proġett tal-*observation area* fi Triq l-Industrija u wara jiddeċiedu jekk ikunx hemm il-lok li japplikaw għal dan il-finanzjament jew le.

35.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/TW/8/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tagħti informazzjoni rigward il-proċess involut f'ġemellaġġi mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

35.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward *Memorandum of Understanding* li ġie ffirmat mill-Assoċjazzjoni stess flimkien mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

35.4.6.1 Dan il-ftehim sar biex jiġi ffaċilitat li Kunsilli Lokali u Reġjonali jkunu jistgħu jagħmlu użu minn servizz ta' tekniċi esperti kif ukoll minn ħaddiema assenjati mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

35.4.6.2 Il-Kunsill ikun jista' jitlob għall-għajnuna għal xogħol li jkollu bżonn, skont il-kriterji stabbiliti, u l-Kunsill iħallas tal-materjal u tas-siegħat tas-sahra jekk ikun hemm il-ħtieġa.

35.4.6.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jintalbu dawn il-ħaddiema biex isir ix-xogħol fi Triq ir-Ramlija, l-*area* fejn ser jitpoġġew il-*bring-in-sites*.

35.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward informazzjoni minn ICH Malta dwar l-inizjattivi li jixtiequ li jittieħdu fir-rigward tas-salvagwardjar tal-Wirt Kulturali Intanġibbli f'Malta u l-proġett *outreach* fil-komunitajiet.

35.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-applikazzjonijiet u l-flokkijiet rigward il-*President's Solidarity Fun Run*, biex il-pubbliku jkun jista' jinkiteb ġewwa l-Kunsill.

35.4.10.1 Din il-*fun run* ser issir nhar il-Ħadd, 21 ta' Novembru, 2021 fl-10.00am u t-tluq ser ikun minn ħdejn il-Kunsill. Ir-rotta ser tkun dik kif mibgħuta mill-Kunsill lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

35.4.10.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar issuġġerixxa li nitkellmu mal-għaqdiet biex jinkoraġġixxu n-nies biex jipparteċipaw u l-Kunsill jgħin lill-għaqdiet b'mod finanzjarju.

35.4.10.3 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu unanimament ma' din l-idea.

35.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward Ċirkulari Nru. SPI/SCI/3/2020 dwar skema ta' Finananzjament għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, fejn il-Kunsill applika għall-fondi biex issir l-attività tal-Milied 'Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market'.

35.4.11.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie infurmat li kien ser jingħata €10,500 għal din l-attività li kellha ssir fl-4 u l-5 ta' Diċembru, 2021. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien iċċekkja mad-Dipartiment tas-Saħħa rigward ir-restrizzjonijiet tal-Covid-19 u skont il-loġistika tal-attività din ma tistax issir.

35.4.11.2 Għaldaqstant il-Kunsill talab biex il-fond jingħata lill-Kunsill għall-Irkottafest 2022, liema talba ma ġietx milqugħa. Minflok dan il- fond ser ikun qed jingħata lill-Kunsill għall-attività tal-Milied 2022 'Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market'.

35.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward Ċirkulari Nru. SPI/SCI/3/2020 dwar skema ta' Finananzjament għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, fejn il-Kunsill applika għall-fondi biex issir l-Irkottafest 2022.

35.4.12.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien ġie infurmat li l-applikazzjoni ma kinitx ġiet milqugħa u għaldaqstant ma kienux ser jingħataw fondi għall-attività Irkottafest 2022.

35.4.12.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jitlob kjarifika għaliex l-applikazzjoni tal-Irkottafest 2022 ma kkwalifikatx għal dan il-fond.

35.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-preżentatur tal-programm 'Mill-Qarċilla sas-Salib', li jixxandar fuq TVM, biex isir *filming* rigward l-attività Irkottafest.

35.4.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ninfurmawh li sa issa l-Kunsill ma ħax fondi għal din l-attività u għaldaqstant ma jistax jirreklama attività li mhux ċert jekk hux se ssir.

35.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn EkoSkola dwar il-ħlas tal-membership għas-sena 2021/2022, tal-Iskola Primarja, tal-Iskola Medja u tal-Iskola Sekondarja ta' Ħal Kirkop.

35.4.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill iħallas il-membership tat-tlett skejjel.

35.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-sistema ta' permessi *online* għall-Kunsilli Lokali.

35.4.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sistema tal-permessi *online* ser tingħata lill-Kunsilli Lokali kollha mid-Dipartiment.

35.4.15.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar iddikjara kunflitt ta' interess f'din il-materja u għaldaqstant ħareġ mill-kamra.

35.4.15.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kien l-ewwel Kunsill li għamel din is-sistema u għaldaqstant kienet talbet lid-Dipartiment biex il-Kunsill jingħata rifużjoni tal-flus li kien ħallas ġaladarba din is-sistem ser tkun qed tingħata lill-Kunsilli kollha mingħajr ħlas.

35.4.15.4 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier John Luke Cassar biex jerġa' jidħol għal-laqgħa.

35.4.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Yoga Teacher li tixtieq li tagħmel kollaborazzjonijiet mal-Kunsilli Lokali.

35.4.16.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob aktar dettalji.

35.4.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti rigward l-MOC Sports Awards 2021.

35.4.17.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-korrispondenza u ġie deċiż li għal din is-sena l-Kunsill ma jipparteċipax.

35.4.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward fond għal tiżjin u inizjattivi tal-Milied 2021, fejn il-Kunsill jista' jibbenifika f'massimu ta' €1000 li jistgħu jiġu utilizzati f'tiżjin tal-Milied fit-toroq u/jew inizjattivi oħra għar-residenti marbuta ma' żmien il-Milied.

35.4.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jitkellmu mal-għaqdiet tal-festi biex jarmaw id-dawl fi Triq San Benedittu, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa u Misraħ San Leonardu u dan id-dawl jinxtegħel mill-1 ta' Diċembru, 2021 sas-7 ta' Jannar, 2022.

35.4.18.2 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu wkoll li terġa' tiġi organizzata d-dawra mar-raħal bil-Father Christmas kif kien sar is-sena l-oħra.

35.4.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward invit mill-Associacion Cultural SER għall-parteċipazzjoni f'Youth Exchange approvat mill-Aġenzija Nazzjonali Spanjola b'kollaborazzjoni ma' Erasmus+.

35.4.19.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-korrispondenza u qalu li ż-żmien huwa fil-viċin wisq. Ġie deċiż li jittella' poster bl-informazzjoni fuq il-paġna ta' facebook fejn nitolbu liż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena li huma interessati f'Youth Exchanges għandhom iħallu d-dettalji tagħhon fil-Kunsill biex tinżamm lista għal meta jkollna opportunitajiet bħal din.

35.4.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward attività tal-Kunsill Reġjonali fi żmien il-Milied b'kollaborazzjoni ta' Kunsill Lokali mir-Reġjun.

35.4.20.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena ma jissottomettux l-interess.

35.4.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward it-*tender* ta' manutenzjoni tad-dwal fejn il-Kunsill ġie infurmat li ġie miżjud is-servizz ta' *decorative lighting*.

35.4.21.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-korrispondenza u qablu li jibdew jaħdmu installazzjoni ta' fanali dekorattivi fit-toroq f'Ħal Kirkop. Kien hemm qbil li ssir ordni biex jinbidlu l-lampi ta' Triq San Rokku, 'il parti li hija bil-pavimentar.

35.4.21.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-lampi ta' Triq San Rokku, 'il parti li hija bil-pavimentar, jinbidlu b'fanali dekorattivi, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

35.4.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva il-pjanti proposti rigward it-*traffic management* ta' Triq il-Kbira.

35.4.22.1 Il-Kunsilliera raw dawn il-pjanti, liema pjanti ser jiġu diskussi fil-laqgħa ta' konsultazzjoni li ser issir mar-residenti nhar l-Erbgħa, 3 ta' Novembru.

35.4.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Pastorali Parrokkjali rigward attività għat-tfal li ser issir fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin.

35.4.23.1 Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex fil-quddies tat-8.30 ta' filgħodu tal-14 ta' Novembru, 2021 jitqassmu boroż tradizzjonali ta' San Martin lit-tfal kollha.

35.4.23.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar jaqbel mal-ideja għax il-Kunsill qiegħed hemm għal kulħadd. Biss ma jistax jaqbel li l-Kunsill Pastorali Parrokkjali ma tellgħax ritratt/post fuq *facebook* meta l-Kunsill ta l-*projectors* għall-użu tal-komunità, imma tella' ritratt meta rċieva għajnuna minn Membru Parlamentari.

35.4.23.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-Kunsill jagħti l-għajnuna biex isiru dawn il-boroż għat-tfal ta' Ħal Kirkop u nagħtuhom ukoll biro u fihom nagħmlu nota ħelwa fuq San Martin.

35.4.23.4 Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-Kunsill Pastorali Parrokkjali għandu jiġi mitlub biex itella' l-post dwar il-projectors u jsir hekk kull meta l-Kunsill jagħti l-għajnuna.

35.4.24 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand residenta fi Triq Taż-Żebbiegħ rigward l-istat li fiha tħalliet l-istess triq.

35.4.24.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet bagħtet din il-korrispondenza lil Infrastracture Malta biex jagħtu tweġiba dwar meta ser jitkompla x-xogħol.

35.4.24.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li l-Kunsill kien irċieva risposta minn Infrastracture Malta liema risposta kienet tgħid li t-triq hija miftuħa u l-karozzi tal-linja jistgħu jgħaddu wkoll. Ir-risposta tgħid ukoll li ser ikun qed jitneħħa l-imbarazz mill-bankini biex in-nies ikunu jistgħu jimxu.

35.4.24.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kient reġgħet bagħtet risposta fejn talbet risposta dwar meta ser jitkompla x-xogħol minħabba li t-triq hija mimlija ħofor u hemm periklu kbir għal kull min jgħaddi kemm bil-vettura u kif ukoll bil-mixi.

35.4.24.4 Infrastracture Malta infurmatna li qegħda f'diskussjonijiet mal-WSC u mas-SCH biex jaraw x'inhu l-pass li jmiss wara l-fdalijiet li nstabu fuq il-post. It-triq ser tingħata wiċċ ġdid hekk kif tiġi solvuta din il-problema tad-drenaġġ.

35.4.24.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li Infrastracture Malta kienu tellgħu permess fuq is-sit ta' Transport Malta li juri li Triq iż-Żebbiegħ u Triq il-Lewżiet ser isiru kollha sat-tart kif kien intalab mill-Kunsill.

35.4.24.6 Il-Kunsilliera apprezzaw ferm din id-deċiżjoni u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat tirringrazzja lill-Infrastracture Malta. Apparti hekk il-Kunsill ser jitlob biex jitkellem mal-Perit inkarigat minħabba li d-diversion ta' meta ser ikun qed isir ix-xogħol mhux qegħda tajjeb.

35.4.25 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għadu għaddej b'korrispondenza mad-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità rigward is-Silver T Service, li huwa servizz ta' trasport għall-anzjani li jattendu d-Day Centre.

35.4.25.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħħar risposta li rċeviet kienet li t-tender ser terġa' toħroġ minħabba li ma ġietx aġġudikata. Wara li jsir il-proċess kollu jkun jista' jingħata servizz lil Ħal Kirkop.

35.4.26 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità rigward l-applikazzjoni tal-Liċenzja SCSA.

35.4.26.1 Is-Sindku kompla jgħid li peress li l-Kunsill ma qabilx li jiffirma l-applikazzjoni tal-liċenzja, id-Dipartiment kien għamel kuntratt żgħir biex jiġi ffirmat mill-Kunsill.

35.4.26.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-kuntratt u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità li l-kuntratt mhux lest li jiffirma l-ebda kuntratt qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt tal-kiri tas-sala tal-Kunsill biex tintuża bħala Day Centre.

35.4.26.3 Wara li jiġi ffirmat dan il-kuntratt il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar li jevalwa l-kuntratt dwar l-applikazzjoni tal-iStandards u jimxi minn hemm. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti dwar dan.

35.4.27 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien attenda għal-laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward ix-xogħol li kien sar fi Triq Tal-Fieres mingħajr ma ħadd kien avżat.

35.4.27.1 Is-Sindku spjega li kien mistieden għal-laqgħa mal- Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma - Sezzjoni tad-Drenaġġ. Is-Sindku kompla li hu talab li jagħmlu skuża pubblika imma din ma saritx u lanqas fil-minuti tal-laqgħa ma tniżżlet.

35.4.27.2 Biss qal li ġie infurmat li issa ser jibdew jaraw u jinsistu mal-kuntratturi li meta jkun ser isir xogħol f'Ħal Kirkop il-Kunsill ikun infurmat minn qabel.

35.4.27.3 Hu kompla jgħid li kienu tawh ukoll il-kuntatti diretti tal-Heads tas-Sezzjonijiet tal-Ilma u tad-Drenaġġ rispettivament biex meta l-Kunsill ikollu ilmenti ta' din in-natura inkunu nistgħu nibgħatulhom dirett.

35.4.27.4 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tibgħat *email* lilhom rigward il-grada tal-ġibjun ta' Triq ir-Ramlija.

35.4.28 Is-Sindku Terence Agius tkellem rigward Pjazza Żerniq fejn informa lill-Kunsilliera li hu kien tkellem mal-Inġinier biex jagħtih stima raffa qabel isir l-istudju. Hu kompla li l-Inġinier kien qallu li biex joħroġ stima irid jagħmel electrical diagram mill-ġdid u joħroġ BOQ ta' x'hemm bżonn. Biss l-ispiża biex isir dan ix-xogħol taqbeż l-€2000.

35.4.28.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jsibu kuntrattur biex jaraw jekk jagħtiniex stima għal dan ix-xogħol biex wieħed ikun jaf xi spejjeż hemm involuti għax qas ħaqq li l-Kunsill joqgħod iħallas għall-istudju biex tkompli titla' l-ispiża.

35.4.29 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja rigward Skema għal Għotjiet fil-Komunità bit-tema 'Libertà li tgħix – Strateġija Nazzjonali 2021-2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità'.

35.4.29.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li s-Sindku jitkellem mal-Appoġġ biex jara magħhom għandhomx xi ħsieb biex inkunu nistgħu napplikaw.

35.4.30 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:15hrs.

35.4.31 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Front Save l-Għadir fejn talbu biex issir pressjoni minn naħa tal-Kunsill dwar żvilupp li qed ikun propost fl-Għadir.

35.4.31.1 Is-Sindku qal li hu tkellem mal-Kunsilli taż-Żurrieq u ta' Ħal Safi fejn qalu li mhux se joġġezzjonaw għax din l-applikazzjoni hija dwar tibdil fuq li hemm u mhux se jżid fil-*footprint*. Il-Kunsilliera qablu ma dak li qal is-Sindku u għaldaqstant mhux ser issir oġġezzjoni f'dan ir-rigward.

35.4.32 Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit ħin u ser tkun qed titkompla. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:00hrs.

35.4.33 F'dan l-istadju is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jerġgħu jidħlu għal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:30hrs.

35.4.34 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien tkellem mar-residenti ta' Triq il-Karwija rigward il-problema tad-*double yellow lines* li kienu saru fl-istess triq mingħajr ma' l-Kunsill kien infurmat.

35.4.34.1 Is-Sindku kompla jgħid li minħabba li l-vettura inkwistjoni hija kbira, il-*yellow line* ta' faċċata hemm bżonn li jibqa' hemm u jsir metru *double yellow line* mal-koxxa tal-bieb.

35.4.35 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-Performance Report għas-sena 2020 rigward ir-rimi ta' skart. Hu qal li bejn wieħed u ieħor il-Kunsill baqa' fl-istess livell tas-sena 2019.

35.4.35.1 Il-Kunsilliera raw dan ir-rapport u qablu mar-risposta kif ippreparata mill-Kunsill.

35.4.36 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera preżenti biex jiffisaw data għal-laqgħa dwar il-parkeġġ biswit il-Kumpless Sportiv f'Ħal Kirkop.

35.4.36.1 Is-Sindku qal li dan jista' jiġi rranġat biex jitneħħa l-aċċess għall-Kumpless Sportiv u l-Iskola. Il-Kunsilliera ser immorru fuq il-post biex jaraw eżatt x'jista' jsir u jiffissaw data biex jagħmlu apputament mad-diriġenti tal-Kumpless u tal-Kulleġġ.

35.4.37 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva risposta minn Transport Malta rigward l-installazzjoni tas-*safety barriers*. Minn seba' applikazzjonijiet, ħamsa ma ġewx aċċettati, waħda ġiet approvata u waħda għad ma għandniex risposta.

35.4.37.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li ser nitkellmu ma' Transport Malta biex naraw x'jista' jsir.

35.4.38 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Esplora Science Centre rigward Stem Community Fund.

35.4.38.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena ma jipparteċipawx.

35.4.39 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ipprepara r-risposta għall-*Management Letter* dwar l-awditjar tal-kotba tal-Kunsill għas-sena li għalqet f'Diċembru 2021.

35.4.39.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din ir-risposta u qablu magħha.

35.4.39.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex tiġi approvata r-risposta għall-*Management Letter* dwar l-awditjar tal-kotba tal-Kunsill għas-sena li għalqet f'Diċembru 2021, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

35.4.40 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu jagħmel il-laqgħa annwali tiegħu għas-sena 2021.

35.4.40.1 Il-Kunsilliera ddiskutew data għal din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-laqgħa trid issir sal-aħħar ta' Diċembru, 2021.

35.4.40.2 Il-Kunsilliera qalu li minħabba raġunijiet diversi din il-laqgħa ma tistax issir sal-aħħar tal-2021 u ġie deċiż li din issir nhar il-11 ta' Jannar, 2022. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 35.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

35.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ssuġġerixxa li t-tabella ta' direzzjoni għal Ħal Kirkop fi Triq l-Industrija kellha tiċċaqlaq minn fejn kienet minħabba li kienet qed tostakola l-viżta tal-vetturi. Apparti hekk it-tabelli li jindikaw 'No Entry for Heavy Vehicles' għandhom isiru akbar milli huma minħabba li mhux qed jidhru.

35.5.1.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu.

35.5.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ikkummenta dwar it-trasport għall-anzjani minn u lejn id-Day Centre u qal li minn kif jidher mill-korrispondenza diskussa aktar kmieni, l-anzjani ta' Ħal Kirkop fadlilhom ħafna biex ikunu jistgħu jingħataw dan is-servizz.

35.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja jekk fil-kuntratt li kien tressaq biex jiġi ffirmat kienx hemm klawsola dwar dan it-trasport u li dan għandu jitħallas nofs bin-nofs, jiġifieri nofs mill-Kunsill u n-nofs l-ieħor mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.

35.5.2.2 Kien hemm qbil li wara dan jerġa' jitressaq quddiem id-Dipartiment konċernat biex isir l-iffirmar tiegħu kemm jista' jkun malajr.

35.5.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar informa lill-Kunsill li kien ġie infurmat li l-problema tal-ilma tax-xitra u l-fawrien tad-drenaġġ ġol-basements fi Triq Valletta kienet għada mhux solvuta għalkemm kien sar ix-xogħol mil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

35.5.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien irċieva rapport li kien hemm double yellow line fi Triq l-Imdina li kellu bżonn *refreshing*.

35.5.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinforma lill-kuntrattur biex isir dan ix-xogħol.

35.5.5 Is-Sindku Terence Agius qal li kien hemm bżonn li jsir *refreshing* tas-*single yellow line* fi Triq il-Kbira (minn Triq Salvu Sacco sa Triq San Nikola).

35.5.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed iddaħħal dan ix-xogħol mal-lista tal-kuntrattur.

35.5.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kellu diversi rapport li Triq San Benedittu qed tingħalaq mill-Iskola mhux skont il-ħin li jidher fuq it-tabelli u dan qed joħloq inkonvenjent kbir għar-residenti u għal dawk li jkollhom bżonn jużaw din it-triq.

35.5.6.1 Il-Kunsilliera qalu li t-triq tal-Iskola Primarja għandha tingħalaq biss waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola, skont kif imniżżel fuq it-tabelli.

35.5.6.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-Kap tal-Iskola b'dan u tikkopja wkoll lill-Pulizija. Il-Kunsill jemmen bi sħiħ li t-tfal għandhom joħorġu mill-iskola b'mod sikur biss ma jaqbilx li t-triq tingħalaq minn ħin qabel għalxejn.

35.5.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar issuġġerixxa li għal din is-sena il-Kunsill jorganizza l-Festin tal-Milied, dejjem skont ir-restrizzjonijiet tal-Covid-19.

35.5.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jaraw kemm jistgħu joqgħodu massimu ta' nies fis-sala tal-Kunsill u dan il-festin isir bil-miżuri tal-Covid-19. Biex wieħed jattendi għandu jkun vaċċinat u jrid iġib kopja taċ-ċertifikat.

35.5.7.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal ukoll li jkun tajjeb li terġa' ssir id-dawra bil-Father Christmas għax is-sena l-oħra kienet intlaqgħet tajjeb ħafna.

35.5.7.3 Il-Kunsilliera qablu li l-festin isir nhar it-Tnejn, 6 ta' Diċembru, 2021 u d-dawra bil-Father Christmas issir nhar il-Hamis, 16 ta' Diċembru, 2021.

35.5.8 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar l-għajnuna li l-MIA kienu ser jagħtu lill-Kunsill biex isir ir-restawr tal-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Ħal Kirkop.

35.5.8.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li issa li l-affarijiet reġgħu bdew ġejjin lura għan-normal, il-Kunsill kellu jerġa' jara ftit jekk għadx hemm l-interess minn naħa tal-MIA li jsir dan ir-restawr.

35.5.8.2 Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill jibgħat lill-MIA biex wieħed jara xi ħsibijiet hemm proġettati.

35.5.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar it-*traffic management* tal-*area* Kirkop 2 u jekk jistgħux jiġu rranġati Triq l-Aħfar u Triq Francis Mizzi.

35.5.9.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li f'dawk it-toroq jidher li kien hemm problema b'xi garaxxijiet. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill jiċċekkja dwar dan u din il-materja terġa' tiġi diskussa.

35.5.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk il-Kunsill kellux xi *feedback* rigward ir-restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu.

35.5.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li d-Dipartiment tar-Restawr kienu infurmawna li ser idaħħlu l-applikazzjoni għar-restawr għand l-Awtorità tal-Ippjanar.

35.5.11 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar it-tabella fid-daħla ta' Ħal Kirkop, liema tabella kellha ssir biex turi l-ħwienet, u l-entitajiet importanti f'Ħal Kirkop.

35.5.11.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien qed jara dwar il-qisien ta' din it-tabella. Biss wara li s-*safety barriers* ma ġewx approvati minn TM qed jibża' li din ukoll ma tiġix approvata.

35.5.11.2 Il-Kunsilliera ser ikunu qed jaraw kif l-aħjar li jmexxu dwar din.

35.5.12 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri telaq mil-laqgħa f'dan il-ħin. Il-ħin f'dan l-istadju kien l-22:15hrs.

35.5.13 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar jekk ix-xogħol ta' *upgrading* li kellu jsir fil-librerija kienx tlesta.

35.5.13.1 Is-Sindku Terence Agius qal li t-tabelli kollha tal-ixkaffar kienu lesti u kien jonqos biss it-tabella ta' barra, liema tabella kienet ordnata iżda kien jonqos li titwaħħal.

35.5.13.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li tajjeb li meta x-xogħol kollu jkun lest għandhom jittieħdu ritratti u jittellgħu fuq il-paġna ta' *facebook* tal-Kunsill.

35.5.14 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk kienx hemm xi informazzjoni dwar il-bankini fi Triq Valletta.

35.5.14.1 Is-Sindku Terence Agius qal li sa issa ma kienx hemm l-ebda *feedback* f'dan ir-rigward.

35.5.15 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-permess għaż-żbir tas-siġar fi Triq San Remiġ, minħabba li dawn qegħdin ta' periklu kbir.

35.5.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sakemm daħlu għal-laqgħa l-Kunsill kien għadu ma rċeviex il-permess biex dawn is-siġar jinżabru.

35.5.15.2 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jieħu din il-materja f'idejh u jara għaliex dan id-dewmien kollu biex joħroġ il-permess meta dan iż-żbir huwa meħtieġ urġentament minħabba l-periklu kbir li qed joffru dawn is-siġar.

35.5.15.3 Apparti hekk il-Kunsilliera talbu *update* għaliex it-talba biex tinżabar l-*eucalyptus* li hemm quddiem il-Leap! ma ġietx aċċettata.

35.5.15.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-uffiċjali tal-ERA kienu ġew jaraw din is-siġra u qalu li ma jistax ikun li l-weraq ta' din is-siġra qed isodd il-katusi tar-residenti u għaldaqstant ma tawx il-permess biex din tinżabar.

35.5.16 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kien irċieva suġġeriment li ssir sleeping police quddiem Nutrition Clinic fi Triq San Remiġ k/m Triq Ta' Markijiet.

35.5.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta.

35.5.17 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kien irċieva rapporti li fi Triq San Remiġ kien hemm min qed joħroġ l-iskart fi x'ħin irid u mhux skont l-iskeda u anke jitwaddab minn fuq għal isfel.

35.5.17.1 Il-Kunsilliera qablu li tintbgħat ittra lir-residenti fejn ninfurmawhom li l-Kunsill ser ikun qed jipproċedi ġaladarba dan l-abbuż jibqa' għaddej.

35.5.18 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa lis-Sindku dwar x'jista' jsir dwar il-*parking* fil-pjazzetta żgħira fi Triq San Leonardu.

35.5.18.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jiċċekkja u jerġa' lura b'risposta.

35.5.19 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-problema tal-*privates* tal-iskola u l-karozzi tal-ġenituri pparkjati ħażin fi Triq San Ġwann u Triq Ħal Safi.

35.5.19.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din il-problema tkun fil-ħinijiet tal-iskola u l-Kunsill kien għamel dak kollu li seta' biex jimminimizza l-problemi. Anke meta l-Kunsill tkellem mal-LESA u mal-Pulizija dawn minn naħa tagħhom qalu li hemm problema li diffiċċli biex tissolva minħabba li ma għandhomx nies biżżejjed biex jaraw dawn in-nuqqasijiet.

## 35.6 Rapport tal-Ilmenti

35.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilmenti rigward l-Un/Loading Bays li saru fi Triq San Benedittu. Min ilmenta talab biex isiru t-tabelli bil-ħinijiet biex ir-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw waqt li l-ħwienet ikunu magħluqa.

35.6.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u qablu li jsiru t-tabelli bil-ħinijiet.

35.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 35.7 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-Sena 2021

35.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2021. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq it-Tieni Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

35.7.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 35.8 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-Sena 2021

35.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2021. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq it-Tieni Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

35.8.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 35.9 Iffirmar ta' Ftehim ta' Koperazzjoni ma' Ali Terme

35.9.1 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier John Luke Cassar biex jagħti ftit informazzjoni dwar il-Ftehim ta' Koperazzjoni li kien ġie ffirmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ma' Ali Terme fl-Italja, flimkien mal-Lithuania, l-Ungerija, il-Latvia u Spanja.

35.9.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-Kunsill kien iffirma Ftehim ta' Koperazzjoni ma' Ali Terme fl-Italja. Waqt iż-żjara tal-Kunsill f'dan il-villaġġ fi Sqallija l-Kunsill kellu laqgħat ta' diskussjoni dwar kif il-Kunsilli qed jgħinu lill-irħula tagħhom fl-isfond tal-pandemija tal-Covid-19, liema pandemija laqtet lid-dinja kollha b'mod ugwali u fl-istess ħin differenti.

35.9.3 Il-Kunsillier Cassar kompla jgħid li l-Kunsill ser ikun qed jaħdem ukoll favur l-ambjent flimkien mat-tfal u ż-żgħażagħ mill-villaġġ ta' Ali Terme bil-koperazzjoni ta' EkoSkola fl-iskejjel ta' Ħal Kirkop.

35.9.4 Il-Kunsilliera awguraw ħidma sfieqa favur il-lokalitajiet kollha parteċipi f'dan il-ftehim.

## 35.10 Manutenzjoni ta' Ġonna u *Soft Areas*

35.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol dwar manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* kien għamel progress u l-ġardinar kien qed jibgħat informazzjoni fuq *whatsapp* dwar ix-xogħol li jkun qed jagħmel.

35.10.2 Is-Sindku talab li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss minħabba li l-Viċi Sindku Joseph Schembri ma kienx preżenti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 35.11 Grada tal-Kunsill

35.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet għada qed tistenna l-kwotazzjonijiet għall-grada, biss għalkemm kienet talbet diversi kwotazzjonijiet u bagħtet ħafna *reminders* sakemm il-Kunsill daħal għal-laqgħa kellha biss żewġ kwotazzjonijiet.

35.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera jekk kienx hemm bżonn li din il-grada ssir *automatic* għax jekk le l-Kunsill jista' jġib ukoll stima mingħand ħaddied.

35.11.3 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-materja u qablu li din il-grada ma għandhiex għalfejn issir *automatic* minħabba li din tintuża biss biex jiddaħħal u jinħareġ il-vann tal-Kunsill.

## 35.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

35.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 119 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

35.12.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 119 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 35.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

35.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

35.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 18 ta' Novembru, 2021 fl-16:30hrs.

35.13.3 Il-laqgħa ntemmet f'nofs il-lejl.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 18 ta' Novembru, 2021

**Mozzjoni Ref:** 188/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 33.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Ottubru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 189/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 34 (B'Urġenza).

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Ottubru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 190/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Ottubru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 191/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata r-risposta għall-*Management Letter* dwar l-awditjar tal-kotba tal-Kunsill għas-sena li għalqet f'Diċembru 2020.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Ottubru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 192/21/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Ottubru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 193/21/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tielet Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Ottubru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 194/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 119.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Ottubru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**